# Maria Iliff u żewġ għanjiet qodma bil-Malti

Mario CASSAR, MA
*Dipartiment tal-Malti, il-Junior College tal-Università ta' Malta*
e-mail: mario.cassar@um.edu.mt

**Astratt**: *Mrs Maria Iliff kienet attriċi, kantanta, poetessa, u rumanziera li, fl-1818, hawn Malta, ippubblikat il-ktieb* Poems, upon Several Subjects. *Dan il-volum huwa interessanti għall-fatt li jinkludi żewġ poeżiji bil-Malti, possibbilment l-ewwel versi inediti bi lsienna li qatt ġew stampati fi ktieb bl-Ingliż. Mrs Iliff ipprovdiet ukoll traduzzjoni libera tagħhom bl-Ingliż. L-istess għanjiet insibuhom ukoll fi ktejjeb manuskritt, 'Canzonete in lingua maltese', ikkompilat ftit aktar tard, fl-1825, minn Dr Giuseppe Zammit. Dan l-artiklu jqabbel iż-żewġ verżjonijiet mil-lat ortografiku u testwali, u jipprova jixħet ftit dawl fuq l-istat tal-Malti miktub fiż-żmien bikri tal-ħakma Ingliża.*

**Kliem-mufitieħ**: *Maria Iliff, Giuseppe Zammit, poeżija Romantika, ortografija, differenzi testwali.*

## Ħjiel bijografiku

Ir-rikostruzzjoni ta' ħajjet Maria (jew Mary) Iliff m'hijex daqstant faċli, sempliċiment għax it-tagħrif dwarha huwa tassew skars. L-uniċi għejun sostanzjali huma *The Thespian Dictionary; or, Dramatic Biography of the Present Age* (ippubblikat Londra fl-1805 minn James Cundle)[1] u l-ktieb ta' J.R. De J. Jackson *Romantic Poetry by Women, a Bibliography 1770–1835* (Oxford, 1993).[2] B'xorti ħażina, ebda wieħed minn dawn is-sorsi ma jagħti d-dati tat-twelid u l-mewt tagħha. Apparti minn hekk, hemm lakuni kbar li mhux lakemm timliehom, jekk mhux b'suġġerimenti spekulattivi.

Mrs Iliff kienet il-mara tal-attur u kittieb Edward Henry Iliff; kunjom xbubitha kien Palmer.[3] Ommha, għal xi żmien, kienet tieħu ħsieb id-dar ta' ċerta Mrs Spranger Barry (aktar tard Mrs Crawford). Din is-sinjura kienet tittratta lil Maria bħallikieku

[1] Dan il-ktieb jista' jinqara fuq is-sit elettroniku: http://books.google.com.mt/books i=FS0HAAAAQAAJ&printsec=frontcover&dq=The+Thespian+Dictionary&lr=&hl=en. Ara paġna IL–IN (mhux numerata).

[2] Mill-bqija, la tissemma fid-*Dictionary of British Women Writers* (1989), la f'*A Checklist of Women Writers, 1801–1900* (1990), u lanqas f'*The Cambridge Guide to Women's Writing in English* (1999). Wara kollox, fl-ambitu tal-poeżija Romantika Ingliża, Maria Iliff ma kinitx għajr awtriċi mill-aktar minuri u marġinali.

[3] F'xi katalgi, isimha jidher bħala Mrs Edward Henry (jew Edward H. jew E.H.) Iliff, skont il-konswetudni taż-żmien.

kienet bintha, tant li ħadet ħsieb tagħtiha edukazzjoni xierqa. Kienet Mrs Barry stess li mbuttat lil Maria titla' fuq il-palk ta' Drury Lane (Londra), fejn it-tfajla aktarx bdiet il-karriera drammatika tagħha. Probabbilment iddebuttat fl-1767, iżda jista' jkun ukoll li diġà kellha xi partiċella teatrali fl-Irlanda, qabel din id-data.

Żewġha kien it-tifel ta' kurat Protestant li kien jgħallem f'St Mary le Strand. F'żgħożitu, Edward Henry qatta' xi snin fuq il-baħar sakemm, bil-kuntatti influwenti ta' missieru, sab xogħol mad-ditta *India House*. Iżda l-imħabba kbira li kellu għall-palk ġegħlitu jitlaq minn dan l-impjieg pjuttost komdu biex jaqbad il-karriera ta' attur. Ma damx ma ġġieled mal-*manager* tiegħu u spiċċa fil-bżonn.

Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li ltaqa' mal-mara futura tiegħu. Miss Palmer, li f'dak il-perjodu kienet taħdem mal-kumpanija 'Brighton', apparti li bħala kantanta kienet tgawdi ċerta popolarità f'diversi bliet bħal Dublin u Edinburgh, għarfet il-qagħda mwiegħra tiegħu u offriet li tgħinu finanzjarjament. Sadattant, Mrs Barry, li mid-dehra kienet tbati bl-iskrupli, bħal donnha bdiet tiffissa li x-xogħol ta' attriċi kien moralment 'perikoluż', u allura għamlet minn kollox biex tħajjar lil Maria taqbad triq oħra. Madankollu, it-tfajla kienet issa moħħha biss fil-palk, hekk li ddeċidiet li taħrab mill-influwenza tal-patruna tagħha.

Milqut mill-ġenerożità ta' Miss Palmer, fl-1785 Edward Henry telaq magħha lejn Sheffield fejn iżżewwiġha. Wara ġarrew għal Edinburgh fejn reġgħu stabbilixxew isem tajjeb fuq il-palk. Fis-snin 1786–87 isem Mrs Iliff jidher fl-elenku tal-atturi ewlenin tal-palk fl-Iskozja.[4] Rebħet kuntratt mal-kumpanija *Vauxhall* u allura hi u żewġha kellhom jittrasferixxu ruħhom f'Londra. Hawnhekk, fl-1788, Edward Henry sab impjieg ġdid mal-kumpanija ta' George Colman li kien ilu jopera t-Teatru 'Haymarket' (Westminster) sa mill-1777. Ftit wara, anki Maria ffirmat mal-kumpanija tal-istess impreżarju; biss, jidher li dan Colman kellu ambizzjonijiet ħafna akbar mit-talenti tagħha. Fil-fatt, Maria ma rnexxilhiex tikseb l-istess suċċess li kienet tgawdi fit-teatri provinċjali u, eventwalment, tatha kompletament għall-kant.[5] Anki żewġha ma sabx xorti – mal-mewt ta' Colman fl-1794, il-kumpanija

---

[4] John Jackson, *The History of the Scottish Stage, from its first establishment to the present time*, Edinburgh, 1793, pp. 88–9.

[5] Fost il-kanzunetti tagħha nsibu: *Jockey was a Braw Young Lad: A Favourite Scotch Ballad* (1788) ta' Samuel Arnold, *Yarrow Vale: A Favourite Scotch Song* (1788) ta' James Hook, *He Pip'd So Sweete* (*c.*1788) ta' James Hook, *Harry of the Green* (1793) ta' Joseph Wilson, *Hark the Clarion Sounds Afar* (1795) ta' James Wilson, u *The Lovely Blue Ey'd Maid* (1795) ta' Lawrence Cornelius Nielson. Xi wħud minn dawn il-kanzunetti huma elenkati fil-ktieb *Music Entries at Stationer's Hall: 1710–1818*, ikkompilat minn Michael Kassler, (Ashgate: 2004). Ara wkoll *A Favourite Collection of Songs, Sung by Mr Incledon, Miss Poole, Miss Bertles, Mrs Stewart, Mrs Iliff, and Miss Leary at Vauxhall Gradens* (Londra, 1788) u *A Second Collection of Songs, Sung by Miss Leary, Miss Bertles, Miss Poole, Mrs Stewart, Mrs Iliff, and Mr Incledon at Vauxhall Gardens, Composed by James Hook* (Londra, 1788).

ħadha f'idejh ibnu li annullalu l-kuntratt. Edward Henry spiċċa liċenzjat u ftit wara taha għall-kitba tar-rumanzi.[6]

Mrs Iliff kellha minn tal-anqas żewġt itfal, iżda eventwalment isseparat minn ma' żewġha għall-ħabta tal-1802, mid-dehra minħabba differenzi politiċi, għalkemm iċ-ċirkustanzi m'humiex daqstant ċari. Fl-1808 ippubblikat l-ewwel edizzjoni tal-ktieb *Poems, upon Several Subjects*.[7]

Reċensjonista ta' żmienha kiteb hekk:

> Mrs Iliff lays no claim to the rank of poetess. She declares that she has published her verses merely to obtain some assistance towards 'educating her children, during the anxious period of a Father's absence.' We are happy to see that she has procured subscriptions for eleven thousand copies, and has thus accomplished her laudbable project. Some of her verses are pretty; none of them are offensive.[8]

Biss, jidher li reġgħet spiċċat f'diffikultajiet finanzjarji u, bħal Edward Henry, daret għall-kitba tar-rumanzi. Fl-1813 ħarġet *The Prior Claim: A Tale* (f'żewġ volumi) biex forsi ttaffi xi ftit il-qagħda miżera li sabet ruħha fiha.[9] Fl-introduzzjoni tal-ktieb, fil-fatt, ħolqot djalogu immaġinarju li fih karattri allegoriċi (bħall-Benevolenza u l-Iskruplu) jiddiskutu s-siwi tal-abbonamenti f'din ix-xorta ta' letteratura għal mara li tixtieq tipprovdi għejxien diċenti għal uliedha. L-impressjoni li toħroġ minn din id-daħla hi ta' mara miskina li, b'mod patetiku, qed tittallab is-sapport tal-pubbliku. Biżżejjed wieħed jaqra d-dedikazzjoni li ġġib id-data tal-4 ta' Marzu 1813 (Londra): 'To my Friends! And who, it may be asked, are they? It is the first, and will probably be the last attempt of the kind which I shall intrude upon the Public.'[10]

---

6 Nafu żgur li kiteb *Angelo, a novel founded on melancholy facts* (2 volumi, Londra, 1796). Ara wkoll *A Biographical Dictionary of the Living Authors of Great Britain and Ireland* (Londra, 1816); stampat mill-ġdid mill-Gale Research Company ta' Detroit, fl-1966, p. 171.

7 Dan il-ktieb, ippubblikat minn Vernor, Hood and Sharpe ta' Londra, kien jinbiegħ bl-abbonamenti. Il-poeżiji kienu kollha bl-Ingliż. L-isem kien komuni ħafna fis-sekli 17, 18, u 19 – ibda mill-antoloġija *Poems, Songs and Love-verses, upon Several Subjects* (1682) ta' Matthew Coppinger, sax-xogħlijiet *Poems on Several Subjects* ta' John Bancks (1730) u Robert Tatersal (1734). *Poems upon Several Occasions* hu l-isem ta' kotba miktuba minn Aphra Behn (1685), Mary Leapor (1748), John Milton (1791), u Elizabeth Carter (1816). *Poems on Various Subjects* hu l-isem ta' kotba miktuba minn William Job (1785), John Thelwall (1787), Robert Anderson (1798), Jane Dunnett Edinburgh (1818), u Helen Maria Williams (1823). *Poems on Several Occasions*, imbagħad, hu l-isem ta' kotba mill-pinna ta' Matthew Prior (1707), John Gay (1720), Mary Barber (1734), Stephen Duck (1736), Jonathan Swift (1737), Christopher Smart (1752), James Woodhouse (1766), u John Bennett (1774).

8 *The Poetical Register and Repositiry of Fugitive Poetry, from 1808–1809*, F.C. & J. Rivington: Londra, 1812, p. 563.

9 Dan ir-rumanz ta' xeħta moralistika kien ippubblikat f'Londra minn J. Burch ta' White Hart Court.

10 Peter Garside, 'Subscription Fiction in Britain, 1780–1829: A Checklist', f'*The Corvey Library and Anglo-German Cultural Exchanges, 1770–1837*, Werner Huber (ed.), Wilhelm FinkVerlag: 2004, pp. 65, 94.

**Il-ktieb 'Malti'**

M'għandna ebda ħjiel kif u x'fatta Maria Iliff ġiet Malta. Ma nistgħux inkunu nafu x'ħajjarha jew x'ġegħelha tieħu dan il-pass. Il-fatt jibqa' li, fl-1818, ħarġet it-tieni edizzjoni tal-ktieb tagħha *Poems, upon Several Subjects*.[11] Dan il-volum huwa interessanti għall-fatt li jinkludi żewġ poeżiji bil-Malti, possibbilment l-ewwel versi ineditì bi lsienna li qatt ġew stampati fi ktieb bl-Ingliż.[12] Isem l-awtriċi fiż-żewġ edizzjonijiet jidher sempliċiment bħala Mrs Iliff. Fit-tieni edizzjoni jidhru żewġ poeżiji bil-Malti, mingħajr titlu speċifiku – waħda għanja ta' tifħir lil Malta u l-oħra għanja fuq imħabba miċħuda. Fl-ewwel waħda tikteb: 'Kull marid haw' jieħu saħħtu' – osservazzjoni li tista' tinferixxi li l-poetessa forsi ġiet Malta għal raġunijiet ta' saħħa. Iżda fuq dan ma nistgħux inkunu żguri, aktar u aktar meta l-pajjiż kien għadu kif ħareġ minn epidemija qalila tal-pesta (1813–14). Il-poeżija twila bl-Ingliż 'Malta' (f'żewġ partijiet, pp. 112–23; 124–35) tikkonferma li ħadet grazzja ma' din l-art; iżda min-naħa l-oħra l-poeżija 'Thoughts on England, written during sickness', tixhed li kellha nostalġija kbira għal pajjiżha.

Dan il-volum kien mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern; iżda fid-daħla qasira tagħha, Mrs Iliff xorta kellha toqgħod tittama li xogħolha ma jkollux problema ta' ċensura. Fl-istess introduzzjoni, li ġġib id-data tat-8 ta' Ottubru 1818 (Valletta), hi tikteb li ħafna mill-poeżiji tagħha kienu diġà dehru fl-ewwel edizzjoni; biss, din id-darba, inkludiet xi xogħlijiet ġodda li ħadu post dawk imħollija barra.

Għal darba oħra, il-bejgħ kien jiddependi kompletament mill-abbonamenti. Hi stess tistqarr li s-suċċess tal-ktieb kien marbut ma' 'l-ispirtu liberali u ġeneruż tal-pubbliku lokali kif ukoll ta' xi ħbieb fl-Ingilterra'. It-ton implorattiv tad-daħla tagħha jista' jixhed li Mrs Iliff kienet għadha ma stejqritx għal kollox mill-qagħda prekarja tagħha.

Fil-ktieb stess (pp. iii–xii) hemm l-elenku sħiħ tal-abbonati, ħafna minnhom Ingliżi stazzjonati Malta (fosthom James Somerville) jew inkella Korfu. Kemm minħabba li kellha dawn l-abbonati f'Korfu kif ukoll għax f'din it-tieni edizzjoni dehret il-poeżija inedita intitolata 'Corfu' (pp. 95–103), nistgħu nobsru li Mrs Iliff, qabel ma ġiet Malta, setgħet qattgħet xi żmien f'din il-gżira Griega, dak iż-żmien taħt il-protezzjoni tal-Kuruna Ingliża.

---

[11] Il-ktieb sħiħ jista' jinqara fuq is-sit elettroniku: http://books.google.com.mt/books?id=_s0IAAAAQAAJ&printsec=frontcover&dq=mrs+iliff&lr=&hl=en.

[12] Għall-preċiżjoni, fl-1804, il-Kavallier Pierre-Marie-Louis de Boisgelin, fil-ktieb tiegħu *Ancient and Modern Malta* (ippubblikat Londra) kien inkluda tliet għanjiet qosra bil-Malti, u magħhom żied traduzzjoni libera bl-Ingliż. Madankollu, dawn kienu diġà dehru fil-ktieb *Malte par un voyageur françois* (Malta, 1791) tal-Franċiż François-Emmanuel de Guignard (Comte de Saint-Priest). Dawn ix-xogħlijiet, mogħtija mill-Abbati Gioacchino Navarro, jibqgħu s'issa l-eqdem poeżiji stampati bil-Malti. Ara Mario Cassar, 'Il-Konti Saint-Priest, Gioacchino Navarro, u l-Ewwel Poeżiji ppubblikati bil-Malti', f'*Symposia Melitensia*, nru. iv, Malta, 2008, pp. 53–65.

Fil-lista tal-abbonati jidhru wkoll l-ismijiet ta' xi ftit Maltin, fosthom l-avukati Giovanni Battista Bugeja u Ignazio Gavino Bonavita, Vincent u Frederick Mamo, Vincent Casolani, u l-Baruni Sceberras-Bologna. Sir Thomas Maitland,[13] *Lieutenatnt General* u *Commander-in-Chief* tal-Forzi Armati Ingliżi f'Malta, ordna 50 kopja, filwaqt li Sir Charles V. Penrose, *Rear-Admiral* u *Commander-in-Chief* tal-Flotta Rjali fil-Mediterran ordna ħames kopji, apparti l-ħames kopji ta' martu.

**It-testi poetiċi**

Iż-żewġ poeżiji (bl-ortografija oriġinali) li dehru fil-ktieb ta' Mrs Iliff qed jidhru hawn b'test parallel mal-verżjoni miktuba bil-Malti kontemporanju.

(1) [pp. 136–39] 'From the Maltese, of a Song in Praise of Malta. Original Song':

| | |
|---|---|
| Hat li Malta i uischa cheichna<br>Min cul-hhat deiem mahhbuba,<br>U il Hhueiec li fia isiru<br>Deiem insabu mictuba. | Għad li Malta hi wisqa ċkejkna<br>Minn kulħadd dejjem maħbuba,<br>U l-ħwejjeġ li fiha jsiru<br>Dejjem jinsabu miktuba. |
| Cul min igi' jochoot fia,<br>Hhat maisctiech iargia imur,<br>Uil ainein ta kulhhat thasciach,<br>Hat li ma fiesc sciddur. | Kull min jiġi joqgħod fiha,<br>Ħadd ma jixtieq jerġa' jmur,<br>U l-għajnejn ta' kulħadd tgħaxxaq,<br>Għad li ma fihiex xi ddur. |
| Anda Belt lisiet chauia<br>Hasc colla imd-aura bisuar,<br>Sbiehh ucol irhhula tahha<br>Hhat li uma uischa sgar. | Għandha Belt l-iżjed qawwija<br>Għax kollha mdawra bis-swar,<br>Sbieħ ukoll ir-rħula tagħha<br>Għad li huma wisqa żgħar. |
| Nies hheluin u calbom taiba,<br>Irgiel chauia, u Nisa sbiehh,<br>Tista theid li colla somor,<br>Ma il sienom izoccor fiehh | Nies ħelwin u qalbhom tajba,<br>Irġiel qawwija, u Nisa sbieħ,<br>Tista' tgħid li kollha somor,<br>'Ma lsienhom iz-zokkor fih. |
| Il huzziep frustieri colla,<br>Hogibuom iscbeibiet tahna,<br>Isctiechu idbiedu min niesom<br>Biesc iseugiu u ipku mahna. | Il-għożżieb frustieri kollha,<br>Jogħġbuhom ix-xbejbiet tagħna,<br>Jixtiequ jitbiegħdu minn nieshom<br>Biex jiżżewġu u jibqgħu magħna. |
| Cul marit au iehhu sahhtu,<br>Calbu tintela bil hena,<br>Kulhhat insa feinu immuielet<br>Hau isctiech iokhod mitzena | Kull marid haw' jieħu saħħtu,<br>Qalbu timtela bil-hena,<br>Kulħadd jinsa fejnu mwieled<br>Haw' jixtieq joqgħod mitt sena. |

[13] Maitland, magħruf bħala 'King Tom', kien sar l-ewwel gvernatur ta' Malta fl-1813; hu kien ukoll gvernatur ta' Korfu fis-snin 1815–23.

Fei cont il mahbuß ta Kalba
Issa darmien tiddisprezzani
B'ghain supperva tkares leja
Tithak bia fei tarani.

Ghal inthaßti ikolla targia
Ghax phali mahabba hatt
Mà issa jen inmiebbes Kalbi
Leja iziet mankares Katt.

6.

Ghat li malta uisk ja c'Keikna
Min Kul hatt dejem mahbuba
Uil tuejec li fia issu
Insabu dejem mittuba.

Kul

(2) [pp. 140–142] 'Of a Maltese Song. Original Song':

| | |
|---|---|
| Chem chiecu ihanni u nipchi<br>Hal dich il kalp li vera ingrata,<br>Mal ctajen tal imhhabba<br>Forsi norbot fdin il giurnata. | Kemm kieku [n]għanni u nibki<br>Għal dik il-qalb li vera ingrata,<br>Mal-ktajjen tal-imħabba<br>Forsi norbot f'din il-ġurnata. |
| Hhabbeit kalp ta bla imhhabba<br>Chienet tmissni din il piena,<br>Min rani fdin irrapta<br>Minni sgur gietu sci hhniena. | Ħabbejt qalb ta' bla mħabba<br>Kienet tmissni din il-piena,<br>Min rani f'din ir-rabta<br>Minni żgur ġietu xi ħniena. |
| Fein cont il mahhbub ta kalba<br>Issa dasmien sciddisprezzani,<br>B'ahain supperva thhares leia<br>Tithhac bia fein tarani. | Fejn kont il-maħbub ta' qalbha<br>Issa daż-żmien x'[t]iddisprezzani,<br>B'għajn supperva tħares lejja<br>Tidħak bija fejn tarani. |
| Hal imhhapti icolla targia<br>Hhasc phhali ma hhabba hat,<br>Ma issa jena inuebbes kalbi<br>Leia iziet manhhares kat. | Għal imħabbti jkollha terġa'<br>Għax bħali ma ħabbha ħadd,<br>'Ma issa jiena nwebbes qalbi<br>Lejha iżjed ma nħares qatt. |

**Il-manuskritt ta' Dr Giuseppe Zammit**

Huwa improbabbli, jekk mhux impossibbli, li Mrs Iliff kienet taf bil-Malti. Għaldaqstant, bilfors li l-poeżiji li dehru fil-ktieb tagħha ppovdihomlha ħaddieħor li kien bilingwi, biex b'hekk setgħet tikkomponi traduzzjoni letterarja tagħhom. L-informant tagħha seta' kien Malti li kien jaf bl-Ingliż ukoll, u seta' kien resident Ingliż li kien tgħallem il-Malti. Bħal fil-każ ta' St Priest, il-verżjonijiet bl-Ingliż huma ferm aktar mirquma u kkuluriti.

Għal darba oħra l-poeżiji, jew aħjar taqbiliet, li dehru fil-ktieb ta' Mrs Iliff, ma kinux kompożizzjonijiet oriġinali, imma għanjiet popolari li kienu magħrufin sew lokalment. Dan nafuh għax l-istess żewġ għanjiet insibuhom ukoll fi ktejjeb manuskritt, 'Canzonete in lingua maltese', ikkompilat fl-1825 minn Dr Giuseppe Zammit.[14]

Dan il-manuskritt, mingħajr paġinazzjoni, li jinsab f'kollezzjoni privata, fih 24 taqbila. Il-poeżija 'Kemm Kieku Ngħanni u Nibki' hi għanja nru 5, filwaqt li l-poeżija 'Għad li Malta Wisq Hi ċkejkna' hi għanja nru 6. Ma jistax ikun li Zammit ikkupjahom minn fuq Mrs Iliff, għax fihom xi differenzi żgħar, apparti li huma miktubin b'ortografija differenti.

[14] S'issa ma nafu xejn dwar dan l-avukat-versifikatur. Minn evidenza interna li tidher fil-manuskritt jidher li kien ħabib ta' Cesare Vassallo (1800–82) u Luigi Rosato (1795–1872). Żgur li ma kienx Dun Ġużepp Zammit 'Brighella'. Il-manuskritt tiegħu ċertament jixraqlu skrutinju aktar mill-qrib.

Kul min jgi joKghot fia...
Hatt maisc'tiek jargia imdur,
Il ghainej ta Kul hatt tghasciaK
Ghat li mafiesc sciddur!

Ghanda belt liziet ghania
Ghasc colla indaura bijsuar,
Sbith uKol ithula taKhà
Avvoglia uma uisK zghar.

Nies heluin u Kalbom taiba,
Irgiel ghania u nisa sbih,
T'ista tgheit li Kolla somor
Ma djenom izzoKor sih.

Il

Dawn huma t-testi sħaħ ta' dan il-manuskritt:

**5.**

Kem kieku inghanni u nipki
Ghal dik il kalp ingrata.
Mil ktajen tal imħabba
Forsi noħroc fdin il giurnata.

Ħabbeit kalp ta blamħabba
Kienet tmissni edin il piena.
Min rani fdin il rapta
Minni sgur gietu sci ħniena.

Meta cont immur giodara
Bla mitluba spis tilkaghni
Kolla ħleua tifraħ bia
Tisc' teħet ghascia fiħdani.

Biesc kienet takta sceukita
Kul matlapta kien ittini,
Kienet tiftaħ fomma u tgheidli
Li trit minni intik ħanini.

Biesc nipprova din il piena
Scinu ti tlapta u matatnisc?
Issa collosc insiet fdakka
Tħares leja u matafnisc.

Fei kont il maħbup ta kalba
Issa dazmien tiddisprezzani
B'ghain supperva tħares leja
Titħak bia fei tarani.

Ghal imhapti ikolla targia
Ghasc pħali maħabba hatt
Ma issa jien inuuebbes kalbi
Leja iziet manħares katt.

**6.**

Ghat li malta uisk ja c'keikna
Min kul ħatt dejem maħbuba
Uil ħuejec li fiha isiru
Insabu dejem miktuba.

Kul min jiġi jokghot fia
Ħatt maisc' tiek jargia imur
Il ghainej ta kul ħatt tghasciak
Ghat li mafiesc sciddur.

Ghanda belt liziet ghania
Ghasc colla imdaura bissuar,
Sbiħ ukol irħula taħħa
Avvoglia uma uisk zghar.

Nies ħeluin u kalbom taiba,
Irgiel ghania u nisa sbiħ,
Tista tgheit li kolla somor
Ma ilsienom izzokkor fiħ.

Il ghuzziep frustieri kolla
Ghag' buom iscebbiet tghana,
Isc' tieku idbghedu min niesom
Biesc izzeugiu u iipkghu maghna.

Kul marit au jeħu saħtu
Tintela kalbu bil éna
Kul ħatt iinsa feinumuelet
Au itsc' tiek jokghot mizzena.

## Xi osservazzjonijiet ortografiċi

Bejn il-ktieb *Poems, upon Several Subjects* (1818) u l-manuskritt 'Canzonete in lingua maltese' (1825) hemm biss seba' snin, imma l-qabża fl-esekuzzjoni ortografika tagħhom hi kbira. L-ortografija ta' Zammit, minkejja li fiha l-inkonsistenzi tagħha, diġà tidher aktar 'moderna', speċjalment minħabba l-użu tal-*għajn* u l-*ħe* maqtugħa.[15]

[15] Milli nafu s'issa, l-'għ' intużat għall-ewwel darba fl-abbozz oriġinali tal-ktieb ċelebri *Descittione di Malta* ta' Ġan Franġisk Abela (*c*.1647), filwaqt li l-'ħ' intużat għall-ewwel darba minn Injazju Saverju Mifsud fit-traskrizzjoni manuskritta tal-poeżija anonima 'Kieku Tafu Ħuti X'Ġara' (*c*.1738). Cf. Olvin Vella, 'L-Għejun tal-Istorja tal-Ilsien Malti: Ġabra ta' Dokumenti bil-Malti mill-Bidu sa Vassalli' (teżi mhux ippubblikata tal-M.A. fil-Malti, l-Università ta' Malta, 2006), p. 273.

Il-versifikatur Malti juża d-digraff *gh* fi kliem bħal *ghat* ('għad'), *jokghot* ('joqgħod'), *zghar* ('żgħar'), *ghal* ('għal'), *tgheidli* ('tgħidli'), u *ghain* ('għajn'); juża wkoll il-grafema *ħ* fi kliem bħal *noħroc* ('noħroġ'), *ħleua* ('ħlewwa'), *sbiħ* ('sbieħ'), *tħares*, *irħula*, u *maħbuba*. Interessanti wkoll li Zammit juża l-*Ħ* (b'rasha maqtugħa darbtejn) fi kliem bħal *Ħatt* u *Ħabbeit*. Min-naħa tagħha, Mrs Iliff, għall-ħoss ta' *ħ*, ħafna drabi tuża d-digraff *hh* fi kliem bħal *mahhbuba* ('maħbuba'), *hhueiec* ('ħwejjeġ'), *hhat* ('ħadd'), *sbiehh* ('sbieħ'), *irhhula* ('irħula'), u *hheluin* ('ħelwin').[16] L-*għ*, ħafna drabi, tħalliha barra – *anda* ('għanda'), *jochoot* ('joqgħod'), *ainein* ('għajnejn'), *idbiedu* ('jitbiegħdu'); jew inkella, flokha tuża l-*h* – *hat* ('għad'), *thasciach* ('tgħaxxaq'), *hasc* ('għax'), *theid* ('tgħid'), *hogibuom* ('għoġbuhom'), *tahna* ('tagħna').

Għall-ħoss ta' *k*/*q* Mrs Iliff tuża d-digraff Taljan *ch* – *jochoot* ('joqgħod'), *chauia* ('qawwija'), *uisch*(*a*) ('wisq'), *cheichna* ('ċkejkna'), *chem* ('kemm'), u *chiecu* ('kieku'). Il-'moderniżmu' ta' Zammit jerġa' jidher meta jinqeda bil-grafema *k* – *kalp* ('qalb'), *tilkaghni* ('tilqagħni'), *katt* ('qatt'), *takta* ('taqta''), *ktajen* ('ktajjen').[17]

Mill-bqija, it-tnejn li huma ma jużawx il-konsonanti dgħajfin *j* (kultant) u *w* (dejjem): Mrs Iliff tikteb *deiem* ('dejjem'), *iargia* (*'jerġa"*), *taiba* ('tajba'), *chauia* ('qawwija'), *hheluin* ('ħelwin'), u *bisuar* ('bis-swar'); Zammit jikteb *ħabbeit* ('ħabbejt'), *tgheidli* ('tgħidli'), *ghain* ('għajn'), *inuuebbes* ('inwebbes'), *uisk* (wisq), u *izzuegiu* ('jiżżewġu').[18] Il-*j* titfaċċa kultant fi kliem bħal *jochoot, ctajen*, u *jien* (Mrs Iliff) u *ktajen, leja, jeħu, jien, jargia, dejem, ħuejec*, u *jigi* (Zammit). It-tnejn jużaw id-digraff *sc* flok ix-*xe* tal-lum: Mrs Iliff tikteb *hasc* ('għax'), *thasciach* ('tgħaxxaq'), u *isctiechu* ('jixtiequ'); [19] Zammit jikteb *ghascia* (għaxja), *collosc* (kollox), u *tisc' teħet* ('tixteħet').[20]

Kemm Mrs Iliff kif ukoll Zammit, appuntu għax ma kinux lingwisti, jinjoraw il-valur fonemiku ta' ċerti ħsejjes; il-poetessa Ingliża tikteb *lisiet* (l-iżjed), *sgar*

---

[16] Id-digraff *hh* għall-ħoss ta' [*ħ*] użah għall-ewwel darba Ġan Franġisk Agius De Soldanis fil-ktieb *Della lingua punica* (Ruma, 1750).

[17] Il-grafema *k* intużat għall-ewwel darba minn Ġan Franġisk Buonamico fil-poeżija 'Lil Granmastru Cotoner' (*c*.1670 ), filwaqt li l-grafema *q* intużat għall-ewwel darba minn Mikiel Anton Vassalli fil-*Grammatica della lingua maltese* (Malta, 1827). Fl-istess sena, użaha wkoll il-botanista Stefano Zerafa fil-ktieb *Florae Melitensis Thesaurus*. Cf. Vella, p. 273.

[18] Il-konsonanti *w* użaha għall-ewwel darba Ġan Franġisk Buonamcio fil-poeżija tal-1670. Il-konsonanti *j* użaha għall-ewwel darba Franġisku Wizzino fil-katekiżmu tiegħu, *Tagħlim Nisrani* (Malta, 1752). Wizzino kien introduċa wkoll il-grafemi *ċ* u *ġ* li ma ntuzawx la minn Mrs Iliff u lanqas minn Zammit. Cf. Vella, p. 273.

[19] Il-grafema *x* diġà tidher fil-Lista tad-Dejma tal-1419/20 fit-traskrizzjoni tal-kunjomiet *Xuereb, Xerri, Xibiras*, u *Xikiluna*. Cf. Godfrey Wettinger, 'The Militia List of 1419–2: A New Starting Point for the Study of Malta's Population', *Melita Historica*, vol. 5, no. ii, Malta, 1969, pp. 80–106. L-użu tax-*x* fil-Medju Evu kien marbut mal-influwenza tal-Isqalli. Din it-tradizzjoni kienet diġà nqatgħet fi żmien il-Kavallieri; allura, Mrs Iliff ma setgħetx tkun taf biha.

[20] Fis-seklu 19 kien għadu frekwenti l-użu tat-Tmien Forma flok is-Seba' Forma (eż. *rtabat* flok *ntrabat*); dan jispjega l-użu ta' *tixteħet* flok *tinxteħet*.

(żgħar), *huzziep* ('għożżieb'), *ipku* ('jibku'), *imhhapti* ('imħabbti'), filwaqt li l-avukat Malti jikteb *nipki* ('nibki'), *rapta* ('rabta'), *no˙roc* ('noħroġ'), *sgur* ('żgur'), u *titħak* ('tidħak/q').

It-tnejn li huma jidher li ma kellhom ebda reqqa morfoloġika. Fuq kollox nosservaw kliem agglutinat għalxejn u kliem diviż ħażin. Per eżempju, Mrs Iliff tikteb *maisctiech* ('ma jixtieq'), *sciddur* ('xi ddur'), *mitzena* ('mitt sena'), *imd-aura* ('imdawra'), *il sienom* ('ilsienhom'), filwaqt li Zammit jikteb *feinumuelet* ('fejn hu mwieled'), *mafiesc* ('ma fihiex'), *blamħabba* ('bla mħabba'), *isc'tieku* ('jixtiequ'), *maisc'tiek* ('ma jixtieq'), u *ghag'buom* ('għaġbuhom'). L-istess ħaġa tgħodd għall-agglutinazzjoni tal-artiklu ma' nomi u prepożizzjonijiet – *lisiet* ('l-iżjed'), *dasmien* ('daż-żmien'), *iscbeibiet* ('ix-xbejbiet'), u *izoccor* ('iz-zokkor') f'Illif; *liziet* ('l-iżjed'), *bissuar* ('bis-swar'), *iscebbiet* ('ix-xebbiet'), *izzokkor* ('iz-zokkor') f'Zammit. Ħafna drabi jinjoraw il-ġeminazzjoni tal-konsonanti: *kulhhat* ('kulħadd'), *ucol* ('ukoll'), u *kat* ('qatt') (Mrs Iliff); *spis* ('spiss'), *saħtu* ('saħħtu'), u *dejem* ('dejjem') (Zammit).

## Differenzi testwali

Fil-qalba tagħhom, l-għanjiet li jipprovdu Mrs Iliff u Zammit huma simili għall-aħħar. L-aktar differenza netta tinsab fl-għanja 'Kemm Kieku Ngħanni u Nibki'; Zammit jipprovdi verżjoni ta' seba' strofi, filwaqt li Mrs Iliff tagħti verżjoni ta' erba' strofi biss. L-istanzi mħollija barra (jew forsi ċċensurati) minn Mrs Iliff huma t-tielet, ir-raba' u l-ħames, li hawn sa nirriproduċuhom bl-ortografija moderna:[21]

Meta kont immur ġo darha
Bla mitluba spiss tilqagħni
Kollha ħlewwa tifraħ bija
Tixteħet għaxja fi ħdani.

Biex kienet taqta' xewqitha
Kull ma tlabtha kien[et] ittini,
Kienet tiftaħ fommha u tgħidli
Li trid minni ntik ħanini.

Biex nipprova din il-piena
X'inhu li tlabtha u ma tatnix
Issa kollox insiet f'daqqa
Tħares lejja u ma tafnix.

Espressjonijiet bħal 'Kull ma tlabtha kien[et] ittini', 'Li trid minni intik ħanini', u 'X'inhu li tlabtha u ma tatnix' ċertament għandhom suġġestjonijiet erotiċi li Mrs Iliff setgħet qieset indeċenti. Minn dak li kitbet fid-daħla tal-ktieb nafu kemm kienet konxja tal-possibbiltà li tispiċċa ċċensurata. Imma dan jibqa' diskors spekulattiv. Mill-bqija, fl-erba' strofi l-oħra hemm biss ftit differenzi ċkejkna, kultant sempliċi kelma jew partiċella.

| **Mrs Maria Iliff** | **vers** | **Dr Giuseppe Zammit** |
|---|---|---|
| *Hal dich il kalp li vera ingrata* | 2 | *Ghal dik il kalp ingrata* |
| *Mal ctajen tal imhhabba* | 3 | *Mil ktajen tal im˙abba* |
| *Forsi norbot fdin il giuranta* | 4 | *Forsi no˙roc fdin il giurnata* |
| *din il piena* | 6 | *edin il piena* |
| *Issa dasmien sciddisprezzani* | 22 | *Issa dazmien tiddisprezzani* |

[21] Il-'korruzzjoni' ta' testi orali hi, wara, kollox, komuni ħafna.

Min-naħa l-oħra, l-għanja 'Għad li Malta Hi Wisqa Ċkejkna' ta' Mrs Iliff fiha l-istess sitt strofi li għandha l-verżjoni ta' Zammit. L-uniċi bidliet huma xi differenza lessikali 'l hawn u xi inverżjoni sintattika 'l hemm.

| **Mrs Maria Iliff** | **vers** | **Dr Giuseppe Zammit** |
|---|---|---|
| *Hat li Malta i uischa cheichna* | 1 | *Ghat li malta uisk ja c'keikna* |
| *Deiem insabu mictuba* | 4 | *Insabu dejem miktuba* |
| *Anda Belt lisiet chauia* | 9 | *Ghanda belt liziet ghania* |
| *Hhat li uma uischa sgar* | 12 | *Avvoglia uma uisk zghar* |
| *Irgiel chauia* | 14 | *Irgiel ghania* |
| *Hogibuom iscbeibiet tahna* | 18 | *Ghag'buom iscebbiet tghana* |
| *Calbu tintela bil hena* | 22 | *Tintela kalbu bil éna* |

Dawn iż-żewġ għanjiet, minkejja li żgur li m'humiex opri letterarji fis-sens strett tal-kelma, għandhom ċerta importanza storika għax fl-assenza ġenerali ta' xogħlijiet poetiċi bi lsiennna fil-bidu tas-seklu 19, kapaċi joffru ftit dawl fuq l-istat tal-Malti miktub fiż-żmien bikri tal-ħakma Ingliża.

**Ħajr:** Nixtieq nirringrazzja lil Ms Charlotte Payne tal-Margaret B. Harrison Preservation Department, Shields Library, University of California, (Davis), li ġentilment bagħtitli xi referenzi mill-aktar siewja fuq Mrs Maria Iliff. Ħajr ukoll lis-Sur Olvin Vella li ġentilment għaddieli kopja fotografata tal-manuskritt ta' Dr Giuseppe Zammit u li qara b'mod kritiku l-abbozz oriġinali ta' din il-ktiba.

**Abstract**: *Mrs Maria Iliff was an actress, singer, poet, and novelist who, while residing in Malta in 1818, published the book* Poems, upon Several Subjects. *This slim volume should interest scholars of Maltese literature as it includes what are probably the first two unpublished poems (possibly folk songs) in the vernacular ever to appear in an English-language book. Mrs Iliff also provides a free translation of these poems in English. The same poems are also found in a manuscript entitled 'Canzonete in lingua maltese', compiled some time later, in 1825, by Dr Giuseppe Zammit. This paper compares and contrasts the two versions from an orthographic and textual point of view, and seeks to shed some light on the character of written Maltese during the early years of British rule in Malta.*